MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 34/2005

**Maria Vella ID 359055M**

**vs**

**Julia Bonnici**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attrici fis-17 ta’ Jannar, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi l-attrici kienet involuta f’incident awtomobilistiku illi sehh fit-23 ta’ Jannar, 2003 bejn il-vettura tal-ghamla ‘Seat van’ bin-numru ta’ registrazzjoni ‘BAT 083’, misjuqa mill-attrici, u l-vettura tal-ghamla ‘Range Rover’ bin-numru ta’ registrazzjoni ‘DAF 917’ misjuqa mill-konvenuta;

Illi dan l-incident awtomobilistiku sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba imperizja, traskuragni, sewqan eccessiv u/jew nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta illi baqghet diehla bil-vettura taghha minn wara gol-vettura misjuqa mill-attrici waqt illi din kienet wieqfa fuq it-'traffic lights' illi hemm f'din il-lokalita;

Illi l-kontendenti kienu imlew u debitament iffirmaw 'front-to-rear declaration' (kopja hawn annessa bhala Dok 'A');

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici sofriet debilita' fizika permanenti u sofriet ukoll danni ingenti kemm in linea ta' damnum emergens u kif ukoll in linea ta' lucrum cessans, tant illi giet certifikata minn Mr. Charles J. Grixti M.D. F.R.C.S. illi qed issofri minn debilita permanenti ta tmienja fil-mija (8%) – vide certifkat mediku hawn anness bhala Dok 'B';

Illi s-socjeta' assiguratrici tal-konvenuta, GasanMamo Insurance Agency Ltd, gharfet, irrikonoxxiet u accettat ir-responsabilita tal-assiguratata taghha, il-konvenuta, ghall-incident in kwistjoni, pero' ma ntlahaqx qbil dwar il-quantum tad-danni pagabbli lill-attrici u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet ghalhekk li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fit-23 ta' Jannar, 2003 bejn il-vettura tal-ghamla 'Seat van' bin-numru ta' registrazzjoni 'BAT 083', misjuqa mill-attrici, u l-vettura tal-ghamla 'Range Rover' bin-numru ta' registrazzjoni 'DAF 917' misjuqa mill-istess konvenuta;

(2) tiddikjara illi per konsegwenza tal-incident awtomobilistiku de quo agitur l-attrici sofriet danni kemm in linea ta' damnum emergens u kif ukoll in linea ta' lucrum cessans;

(3) konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuta hija obbligata fil-ligi illi tirrizarcixxi lill-attrici ghad-danni kollha minnha sofferti;
(4) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici per konsegwenza tal-incident awtomobilistiku de quo agitur okkorrendo bl-opera ta' perit / i nominandi; u
(5) tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici dik is-somma in linea ta' danni kif likwidata minn din l-istess Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali illi qed tigi ipprezentata kontestwalment a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Julia Bonnici, *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi r-risponsabbilita ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni da parti tal-konvenuta diga gie ammess mill-konvenuta tramite is-socjeta' assikurattrici taghha, u cioe' GasanMamo Insurance Limited, u ghalhekk il-konvenuta m'ghandhiex tigi kkundannata sabiex tbati l-ispejjez ta' dina l-kawza;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kwantum tad-danni mitlub mill-attrici huwa ezagerat u eccessiv, u kwindi l-attrici ghandha ggib il-provi kollha in sostenn tat-talba taghha, ghall-likwidazzjoni tad-danni allegati kemm lucrum cessans kif ukoll damnum emergens, u dana permezz tad-debiti ircevuti fiskali, prospetti u rapporti medici, skond il-kaz;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Julia Bonnici;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xiehda ta' l-attrici illi fil-gurnata in kwistjoni kienet involuta f'incident awtomobilistiku fejn ic-cimiterju ta' Hal-Lija waqt li kienet qeghda isuq il-vettura taghha numru ta' registrazzjoni BAT 038 u kienet wieqfa fuq it-traffic lights tistenna li l-lights jinqalbu sabiex tkun tista isuq. Skond l-attrici, il-konvenuta baqghet diehla go fiha bis-sahha minn wara. Il-vettura tal-konvenuta kienet Range Rover mill-kbar u l-attrici qalet illi wara l-incident il-konvenuta skuzat ruhha maghha u spjegatilha li kienet dawret wiccha sabiex issikket lit-tifel li kien riekeb maghha fuq wara u ma indunatx illi hi kienet wieqfa fuq it-traffic lights u kien ghalhekk li baqghet diehla ghal go fiha. L-attrici qalet illi mill-ewwel hasset weggha f'ghonqa bl-iskoss li hadet mal-impatt u illi riekba maghha fuq il-passenger seat kien hemm certa Tessie Camilleri minn Naxxar li ukoll kienet taf illi hija mal-ewwel hasset ugigh f'ghonqha. L-attrici xehdet illi hekk kif hasset id-daqqa minn wara, il-vettura taghha imxiet 'il quddiem u hija b'mod awtomatiku ghafset il-break. Hija xehdet illi b'konsegwenza ta' dan l-incident baqghet tbaghti minn disabbilita permanenti illi giet certifikata mill-kirurgu Mr Charles Grixti fl-ammont ta' tmienja fl-mija (8%). Hija qalet illi qabel l-incident kienet persuna attiva hafna kemm f'xoghol, kif ukoll fl-interessi socjali u personali, izda wara l-incident giet ristretta hafna fl-attivitajiet li tista taghmel u ma tistax izomm idejha merfughin 'il fuq ghal aktar minn ftit hin u lanqas tista tgholli rasha 'il fuq ghal aktar minn ftit hin. Meta iddawwar ghonqha u tgholli rasha 'il fuq thoss ugiegh u ma tistax toqghod bil-wieqfa f'post stazzjonarju fit-tul. Fil-hajja normali taghha ikollha bzonn li wara certu hin tieqaf u tmur isserrah ghonqha u meta tohrog trid tiehu il-kullar maghha. Hija xehdet illi meta sehh l-incident kellha 47 sena u kienet tahdem fuq bazi part time mal-

Mission Fund. B’konsegwenza ta’ l-incident in kwistjoni kellha thallas hafna spejjez medici konsistenti fi hlas lill-konsulenti Dr Anthony Galea Debono u lil Mr Charles Grixti, hlas lit-tabib taghha Dr Valhmor Zammit u kellha ukoll tixtri pilloli ghall-ugiegh u medicini ohrajn inkluz ingwent u kellha sessjonijiet ta’ fizjoterapija ghand il-fizjoterapisti Alan Zammit u Josef Pace u sessjonijiet ghand il-chiropractician Dr Inkol. L-attrici esebiet statement ta’ l-espenses li gie immarkat Dok MV 1 u faxxiklu bil-kopji tar-ricevuti kollha relattivi illi gie esebiti u gie immarkat Dokument MV 2.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-attrici esebiet diversi ircevuti li juru l-ispejjez li hija baghatiet in konnessjoni ma l-injury illi soffriet fl-incident u esebiet ukoll ir-rapport imhejji minn Mr Charles Grixti fir-rigward tad-disabbilita permanenti illi hija allegat illi hi issofri minnha. Hija esebiet ukoll rapport mahrug mill-fizjoterapista Josef Pace. L-attrici ipprezentat prospett tad-danni minnha sofferti, illi jinsab esebit a fol. 86 tal-process u jammonta ghas-somma ta’ tnax il-elf tlett mija erbgha u tmenin euro u hamsa u sebghin centezmu (€12,384.75).

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-konvenuta irrilevat fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha illi hija diga kienet assumiet ir-responsabbilita ghall-incident in kwistjoni hames snin qabel ma ipprezentat in-nota ta’ sottomissjonijiet taghha u hija qeghda tikkontesta biss l-ammont ta’ danni reklamat mill-attrici. Il-konvenuta issottomettiet illi d-danni komplessivi dovuti minnha lill-attrici ma ghandhomx jaccedu l-ammont ta’ tmien telef mija u sittin euro u sebgha u tletin centezmu (€8,160.37).

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi matul il-procediment kollu il-partijiet dejjem ippruvaw jittransigu il-kawza, izda ma irnexxielhomx.

Ikkunsidrat :

Illi l-partijiet qablu fuq l-ammont ta’ sebgha fil-mija (7%) rapprezentanti id-disabbilita permanenti sofferta mill-attrici tort ta’ l-incident de quo u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li l-Qorti tappunta espert mediku.

Illi Hubert Said ghas-socjeta’ GasanMamo Insurance, l-insurance tal-konvenuta xehed li huma hallsu il-hsarat kollha kagunati fil-vettura ta’ l-attrici; liema hsarat kienu jammontaw ghas-somma ta’ hames mija erbgha u ghoxrin lira Maltin tmienja u sittin centezmu (LM524.68) ammontanti ghal elf mitejn tnejn u ghoxrin euro u tmintax il-centezmu (€1222.18). Huwa xehed ukoll illi kienu hallsu is-somma ta’ mitejn sebgha u hamsin lira Maltin (LM257), ammontanti ghal hames mija tmienja u disghin euro u hamsa u sittin centezmu (€598.65), rapprezentanti telfien ta’ xoghol da parti ta’ l-attrici u s-somma giet komputata a bazi ta’ tmien liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (LM8.91) ekwivalenti ghal ghoxrin euro u hamsa u sebghin centezmu (€20.75) ghal kull gurnata li l-attrici ma marritx ghax-xoghol. Is-Sur Said xehed illi l-attrici accettat din is-somma u sarfet ic-cheque.

Ikkunsidrat :

Illi l-partijiet fil-mori tal-kawza qablu li d-“damnum emergens” ghandu jammonta ghas-somma ta’ elfejn tlett mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Illi ghalhekk jonqos biss illi l-Qorti tillikwida l-ammont ta’ danni dovut lill-attrici bhala “lucrum cessans”.

Illi l-Qorti rat is-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet John Bugeja et vs Carmelo Spiteri deciza fit-30 ta’ Novembru 2001, fejn il-Qorti qalet illi ghandha tiehu bhala bazi ghall-kalkolu tal-*lucrum cessans* figura oghla mill-paga minima nazzjonali.

Illi l-Qorti qalet hekk :

“Ix-xoghol tad-dar ukoll ghandu valur ekonomiku u l-kontribut li taghti il-mara tad-dar lill-ekonomija domestika m’ghandux jitqies li hu anqas minn dak li jaghti r-ragel u ghalhekk ghandu jitqies li jiswa mhux inqas mill-paga minima nazzjonali.”

Illi rigward il-percentagg ta’ disabilita il-partijiet qablu illi dan ghandu jkun ta’ sebgha fil-mija (7%).

Illi fir-rigward tal-multiplier il-Qorti rat sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin deciza fit-13 ta’ Lulju 2010 fejn il-Qorti qalet hekk :

“Illi llum huwa accettat li l-kriterju ta’ kif wieħed iqis il-kejl tal-multiplier huwa wieħed li jaghti diskrezzjoni lill-gudikant, li huwa mistenni li jqis u jizen ic-cirkostanzi kollha tal-kaz fid-dawl ta’ twettiq ta’ ezercizzju li jaghti kumpens b’haqq u mhux b’xi formulazzjoni empirika matematika”.

Illi f’sentenza ohra ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall deciza fl-10 ta’ Mejju 2005 il-Qorti qalet hekk :

“Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta’ Dicembru, 1967. F’dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.”

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati listess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:"f'din il-materja ta' *lucrum cessans*

il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal hekk:

"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'multiplier' addottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier*' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggjat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*."

Ikkunsidrat :

Illi fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. "Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda

bhala danni ghal telf futur – dawk li huma maghrufa bhala ‘*lucrum cessans*’ - jipprova jimprimi sens ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun ikkawza d-dannu.”

Illi l-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi il-konvenuta fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha qablet illi l-multiplier illi ghandha tuza il-Qorti ghandu jkun dak ta’ erbatax il-sena.

Ikkunsidrat :

Illi dwar il-lump sum payment il-Qorti rat illi l-attrici damet ftit zmien sa kemm intavolat il-kawza odjerna u ghalhekk id-dewmien ma kienx attribwibbli lill-konvenuta, izda il-Qorti sejra taghmel lump sum deduction a bazi tal-fatt illi kien hemm trapass ta’ aktar minn tlett snin minn meta giet intavolata il-kawza sal-lum u ghalhekk il-Qorti sejra tapplika lump sum deduction ta’ hmistax fil-mija (15%).

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ikkontendiet illi l-lucrum cessans ghandu jigi ikkalkulat fuq il-bazi illi l-paga minima nazzjonali hija ta’ seba’ telef euro (€7,000) fis-sena u ma dawn riedet illi tizdied is-somma ta’ mitejn tnejn u tletin euro u disghin centezmu fis-sena (€232.90) ghall-inflazzjoni ghas-snin tal-multiplier, izda il-Qorti tara illi ikun aktar ekwu illi taddotta l-ammont ta’ hlas a bazi tal-paga minima illi hija ta’ mija tnejn u hamsin euro disgha u ghoxrin centezmu (€152.29) li multiplikati bi 52 iwassalu ghas-somma ta’ seba’ telef disa’ mija u dsatax il-euro u tmien centezmu (€7,919.08).

Ghaldaqstant ir-rizarciment tad-danni subiti mill-attrici ghall-lezjoni personali ghandhom ikunu is-segwenti :

**7919.08 x 14 x 7% = € 7,760.69**
**- lump sum deduction ta’ 15% = - € 1,164.10**

Illi ghalhekk l-ammont dovut lill-attrici bhala “lucrum cessans” huwa ta’ sitt elef hames mija sitta u disghin euro u disgha u hamsin centezmu (€6,596.59), l-ammont dovut lill-attrici bhala “damnum emergens” hija s-somma ta’ elfejn tlett mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, qeghda tilqa t-talbiet attrici u tillikwida l-ammont dovut lill-attrici bhala danni fis-somma ta’  tmint elef disa mija hamsa u ghoxrin euro u sitta u disghin centezmu (€8,925.96) u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas din is-somma ta’ tmint elef disa mija hamsa u ghoxrin euro u sitta u disghin centezmu (€8,925.96)  lill-attrici; bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------